ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

# L-Eżamijiet Alternattivi Annwali għall-Iskejjel Primarji 2014

| | | |
|---|---|---|
| KARTA MUDELL | Il-MALTI | Ħin: Siegħa u kwart |
| Livell 4-5 | (Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba) | |

L-isem u l-kunjom: ______________________________ Il-klassi: __________

| Il-Marki | |
|---|---|
| Il-Fehim mill-Qari | Il-Kitba |
| ______ 20 marka | ______ 40 marka |

Aqra sew dan li ġej:

- Ikteb ismek u kunjomok, u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn. Imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

## IL-FEHIM MILL-QARI

## A. Aqra dan l-avviż:

# Żjara mill-Ġgant tal-Ħadid



Nhar il-Ħadd li ġej, il-Ġgant tal-Ħadid se jkun fuq il-Fosos tal-Furjana biex jiltaqa' mat-tfal kollha ta' Malta u Għawdex.

Kull min jiġi jingħata pupu żgħir tiegħu.

Il-Ġgant tal-Ħadid se jagħmel mit-8:00 ta' filgħodu sat-8:00 ta' filgħaxija.

Ġibu magħkom flixkun ilma, beritta u nuċċali minħabba x-xemx qawwija!

Narawkom!



**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-avviż li qrajt.**

**1. Agħmel ✓ fil-kaxxa t-tajba biex turi hux veru jew falz.** (4 marki)

| | Veru | Falz |
|---|---|---|
| a. Il-Ġgant tal-Ħadid se jiltaqa' mat-tfal tal-Furjana biss. | | |
| b. Kull min se jiltaqa' mal-ġgant se jieħu rigal. | | |
| ċ. Dan l-avviż inkiteb fix-xitwa. | | |
| d. Mill-avviż jidher li t-tfal se jkunu kuntenti. | | |

**2. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa.** (2 marki)

| | | |
|---|---|---|
| a. Il-ġgant se jiltaqa' mat-tfal | | mis-sebgħa ta' filgħodu. |
| | | mid-disgħa ta' filgħodu. |
| | | mit-tmienja ta' filgħodu. |
| b. Il-ġgant se jagħmel | | ġimgħa sħiħa mat-tfal. |
| | | xahar sħiħ mat-tfal. |
| | | ġurnata sħiħa mat-tfal. |

**3. Imla l-vojt bil-kliem it-tajjeb.** (4 marki)

Il-Ġgant tal-Ħadid se jiltaqa' mat-tfal il-Ħ___________ li ġej. Importanti li kulħadd iġib flixkun i_____________, nuċċali u b_____________ minħabba x-x______________.

**B. Aqra l-istorja Il-Ġgant tal-Ħadid.**



## L-Ewwel Parti

Il-Ġgant tal-Ħadid fetaħ għajnejh bil-mod. Beda jipprova jifhem x'ġara u fejn qiegħed. Filli kien qed itir fis-sema u filli storda, waqa' u sab ruħu waħdu. Ftakar li waqt li kien fl-ajru, sema' tkarwita u ra serp kbir tad-dawl ġej fuqu. Imbagħad daqshekk! **(par. 1)**

**1. Agħmel ✓ fil-kaxxa t-tajba biex turi hux veru jew falz.** (3 marki)

| | Veru | Falz |
|---|---|---|
| a. Il-ġgant kien tal-injam. | | |
| b. Il-ġgant ma kienx jaf fejn jinsab. | | |
| ċ. It-temp kien bnazzi. | | |

## It-Tieni Parti

Ix-xita waqfet u għalhekk seta' jara sew. Kien spiċċa f'nofs bitħa, imdawra bi kmamar ma' kullimkien. Il-ġgant baqa' ma setax jifhem fejn kien. Għolla jdejh 'il fuq u bin-nar ħiereġ minn taħt saqajh, **inqata' mill-art**, sakemm sparixxa għalkollox. **(par. 2)**

**2. Agħmel ✓ fil-kaxxa t-tajba.** (2 marki)

| | | |
|---|---|---|
| a. Il-ġgant sab ruħu | | f'għadira. |
| | | f'għalqa. |
| | | f'bitħa. |

| | | |
|---|---|---|
| b. "Il-ġgant inqata' mill-art" tfisser | | tar. |
| | | waqa'. |
| | | qabeż. |

**Wieġeb:**

3. Kieku kellek tiltaqa' mal-Ġgant tal-Ħadid x'tgħidlu? (2 marki)

___

## It-Tielet Parti

L-għada t-tfal inġabru quddiem il-bieb tal-iskola fejn waqa' l-ġgant. Malli l-purtinar fetaħ il-bieb, it-tfal poġġew il-basktijiet fil-kuritur, u ħarġu fil-bitħa. **(par. 3)**

Jesmond ntefa' bilqiegħda fuq tarġa jistenna l-qanpiena ddoqq. Imma dakinhar sab kif jgħaddih il-ħin. Qagħad jilgħab bi skorfina kbira. Kien sabha f'nofs il-bitħa.

"Min jaf minn fejn ġiet din?" ħaseb, waħdu. **(par. 4)**

**Wieġeb:**

4. X'qagħad jagħmel Jesmond sakemm daqqet il-qanpiena? (marka)

___

5. Ta' min taħseb li kienet l-iskorfina li sab Jesmond? X'seta' ġara? (2 marki)

___

___

# IL-KITBA

## A. IL-GRAMMATIKA

**1. Kompli dan il-kliem billi tikteb is-sillaba t-tajba.** (6 marki)

**Eżempju:**

| | |
|---|---|
|  | pin **<u>na</u>** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| a.  | ri _____ | b.  | gom _____ |
| ċ.  | ______ ta | d.  | bar ______ |
| e.  | ku lu ______ | f.  | tem pri ______ |



**2. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba mill-ġenb.** (2 marki)

**Eżempju:**

| | | |
|---|---|---|
|  | Il-**<u>ħalib</u>** tajjeb għal saħħitna. | ħalip/ ħalib |
| a.  | It-tfal kielu l-____________. | ħobż/ ħops |
| b.  | Fl-iskola daħal _____________ kbir. | kelp/ kelb |

## 3. Imla l-vojt bil-partiċelli. (2 marki)

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| fil- | tal- | tat- | ~~ġol-~~ | tas- | bis- |

**Eżempju:**

| | |
|---|---|
|  | Il-ktieb tal-Malti kien **ġol-**basket. |
| a.  | Il-ġenituri daħlu fl-uffiċċju _______ surmast. |
| b.  | Il-quddiesa saret _______ kappella ______iskola. |
| ċ.  | Lara xtrat ktieb _______ tpinġija. |

## 4. Agħżel it-tajba mill-ġenb. (3 marki)

**Eżempju:**

| | | |
|---|---|---|
|  | **Dan** lapes oħxon. | Dan / Din / Dawn |
| a.  | _________ Jesmond. | Dan / Din / Dawn |

| | | |
|---|---|---|
| b.  | __________ l-għalliema tiegħu. | Dan / Din / Dawn |
| ċ.  | __________ sħabu tal-klassi. | Dan / Din / Dawn |

**5. Imla l-vojt bl-artiklu.** (3 marki)

**Eżempju:**

| | |
|---|---|
|  | Jesmond kiteb fuq <u>**il-**</u>pitazz. |
| a.  | ______ siġġu nkiser. |
| b.  | Dan ______ ktieb fih ħafna stampi. |
| ċ.  | ______ għalliema qrat storja. |

## 6. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba. (4 marki)

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| kwieta | ~~kbira~~ | ħamra | tqil | sbieħ | rqiq |

**Eżempju:**

| | |
|---|---|
|  | mejda **kbira** |
| a.  | ġugarelli ______________ |
| b.  | tifla ______________ |
| ċ.  | basket _______________ |
| d.  | purtiera _______________ |

**B. Il-Kitba ta' djalogu.**

Inti kont fil-gallarija man-nanna Rose. Dak il-ħin għaddiet il-banda. Dħalt ġewwa u ċempilt liz-ziju Ronald biex joħroġ jaraha huwa wkoll.

**Kompli dan id-djalogu li kellkom bejnietkom.**



| | |
|---|---|
| Iz-ziju | Ħelow? |
| INT | Zi! Kont fil-gallarija man-nanna u rajt il-banda għaddejja! |
| Iz-ziju | Għaliex ħarġet il-banda llejla? |
| INT | ________________________________________ |
| Iz-ziju | Fejn taħseb li sejra? |
| INT | ________________________________________ |
| Iz-ziju | X'rajt aktar barra l-bandisti? |
| INT | ________________________________________ |
| Iz-ziju | Tajjeb! Mela se nħallik. Saħħa u sellili għan-nanna. |
| INT | Inservik! Saħħa zi. |

(3 marki)

Ċ. Sib ħames oġġetti fl-istampa, iktibhom u mmarkahom bi vleġġa. Ara

l-eżempju. (5 marki)




D. Il-kitba ta' storja qasira.

Ħares lejn l-istampa u ikteb ftit sentenzi dwarha.

## Ġurnata l-baħar



**Dan il-kliem jista' jkun ta' għajnuna:**

| | | |
|---|---|---|
| tfal | bnazzi | baħar |
| jogħdsu | jilagħbu | jgħumu |
| jixxemmxu | ballun | ħobż biż-żejt |

**1. IL-PJAN** (2 marki)

Agħti isem lit-tfal.

Meta ġrat l-istorja?

Fejn marru t-tfal?

Kif kien it-temp?

X'għamlu t-tfal?

Kif ħassewhom?

**2. Uża l-pjan tiegħek biex tikteb l-istorja.** (10 marki)